MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 129/2006

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Paul Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Paul Galea ta’ karta ta’ identita’ numru 0206482M, akkuzat talli nhar l-4 ta’ Jannar, 2006 ghal habta tat-13:30hrs gewwa z-Zejtun fi Blk G Flt 6 Qasam Hal-Tmiem l-Fabrika:

volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara ta’ aktar minn hamsin lira izda mhux iktar minn Lm500 fuq mobile tal-marka Sumsung u fuq flashing li nstab fl-istess fond, bi ksur tal-Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi qabad arma li taqta fid-direzzjoni ta' Shantel Bianco u ta' bintha Jajel ta' sentejn.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi, kien fil-pussess jew garr arma bil-ponta u li taqta' minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-kwerelanta tirtira l-kwerela u tirrinunzja ghal kull haga li hi rinunzjabbli.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma kollha prosegwibbli mill-pulizija "ex officio". Madanakollu, l-fatt li l-kwerelanta giet risarcita d-danni li sofriet ghandu jkun rifless fil-piena.

Ghalhekk, u fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u rat l-Artikolu 325, 338dd, u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 u 26 tal-Kap 66 tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu derivanti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------